**QORTI CIVILI**
**(PRIM' AWLA)**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 11 ta' Jannar 2017**

**Rikors Numru : 410/2016 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita'**

**VS**

**Kazin tal-Banda ta' Sant'Antnin**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat mic-Chairman Oliver Scicluna, tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' (KWPD) tal-24 ta' Mejju 2016, li jaqra hekk:

1. *Illi l-Kummissjoni esponenti hija entita' inkarigata taht l-Artikolu 22 tal-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita'), Kap 413 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, fost l-ohrajn, tizgura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni kontra persuni b'dizabilita' skont il-Ligi u tirraprezenta l-interessi tal-persuni b'dizabilita';*

2. *Illi l-Kummissjoni esponenti rceviet numru ta' ilmenti dwar l-access ghall-Kazin ta' Sant'Antnin, Birkirkara, u dan minkejja li dan il-Kazin ghandu jkun accessibbli ghal kulhadd;*

3. *Illi l-agir tas-socjeta' intimata huwa illegali u abbuziv, senjatament kontra l-Artikolu 12 tal-Kap 413;*

4. *Illi l-Kummissjoni esponenti ghamlet diversi tentattivi sabiex tasal mas-socjeta' intimata ghal soluzzjoni ghal din l-illegalita', permezz ta' ittri mibghuta mill-Kummissjoni, kif ukoll ittri legali, Dok A sa J u sahansitra, gie intavolat protest gudizzjarju, Dok K, izda s-socjeta' intimata qatt ma pprezentat risposta u qatt ma saru x-xoghlijiet necessarji sabiex dan l-access ikun garantit, bil-konsegwenza li soluzzjoni ghadha sa llum ma nstabitx;*

5. *Gew imhejjija wkoll rapporti dwar l-accessibilita' da parti tal-Kummissjoni rikorrenti, mmarkati Dok L sa O;*

*Ghaldaqstant titlob bir-rispett lil dina l-onorabbli Qorti sabiex joghgobha, salv kwalsijasi proveddiment iehor xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i) *Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata kienet u ghadha tiddiskrimina kontra l-persuni b'dizabilita', billi ma tipprovdix access ghall-Kazin ta' Sant'Antnin, Birkirkara, minkejja li dan huwa post miftuh ghall-pubbliku;*

ii) *Tordna lis-socjeta' intimata tederixxi ruhha mal-ligi, senjatament billi tipprovdi access lil persuni b'dizabilita' ghall-Kazin ta' Sant'Antnin, Birkirkara, u dan fi zmien qasir u perentorju stabbilit mill-Onorabbli Qorti taht id-direzzjoni ta' perit tekniku;*

iii) *Fin-nuqqas li taderixxi ruhha mal-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti fiz-zmien stabbilit minnha, tordna lis-socjeta' intimata thallas multa (daily fine) ghal kull gurnata li tibqa' inadempjenti fil-provizjoni tal-access fuq imsemmi;*

*Bl-ispejjez u bl-imghazijiet sad-data tal-pagament effettiv, inkluz dawk tal-ittri legali u tal-protest gudizzjarju numru 1814/2015. Is-socjeta' intimata minn issa ingunta ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi s-socjeta‘ intimata Kazin tal-Banda ta‘ Sant’Antnin baqghet kontumaci u meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-25 t’Ottubru, 2016 u tat-30 ta‘ Novembru, 2016 , l-istess socjeta‘ jew rapprezentant taghha baqghu ma dehrux;

Rat illi fis-seduta tat-30 ta‘ Novembru, 2016, is-socjeta‘ rikorrenti ddikjarat li ma fadalliex aktar provi x’tipproduci.

Rat l-opportunita‘ moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta‘ Novembru 2016 sabiex il-Kazin intimat jintavola s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Att 158 (10) Kap 12.

Rat illi l-Kazin intimat baqa inadempienti.

**Ikkonsidrat:**

**Oliver Scicluna, Chairperson tal-KNDP** xehed permezz ta‘ affidavit a fol 51 – 54 tal-process illi kien d-dmir tal-KNDP illi tara li d-drittijiet tal-persuni b’dizabbilita jigu salvagwardjati, f’dan il-kaz billi l-Kazin in kwistjoni, li huwa post pubbliku, jkun accessibli ghal kulhadd. Spjega illi f’dan il-kaz il-kwistjoni kienet ilha ghaddejja minn qabel ma sar Chairperson huwa, u dan billi l-korrispondenza relattiva **turi illi l-ewwel ilment li rciviet il-Kummisjoni jirrisali ghas-26 ta‘ Awissu 2003**. Huwa elenka u spjega il-korrispondenza illi intbaghtet, u li tinsab ezebita fil-process, minn fejn jidher lli l-maggior parti tal-ittri mibghuta mill-Kummissjoni gew injorati mill-Kazin intimat.

Spjega illi meta ma jkunx hemm fondi bizzejjed biex isir l-izvilupp necessaju ssir garanzija, izda f’dan il-kaz lanqas din il-garanzija ma saret mill-intimat. Kompla illi wara li nhareg il-permess mill-MEPA bil-kondizzjonijiet stabbiliti mill-KNDP, l-intimat baqa‘ xorta wahda m’ottemperax ruhu mal-obbligi tieghu biex jaghti access lill-persuni b’dizabbilita, in partikolari billi baqa‘ ma installax lift skond il-Ligi wara dawn is-snin kollha. Zied illi l-

KNDP hasset illi kellha tintavola dawn il-proceduri in vista tan-nuqqas kbir ta‘ ko-operazzjoni minn naha tal-intimat.

**Ikkonsidrat;**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifika, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***

***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***

***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;*""**

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

L-Artikolu 12 tal-Kapitolu 413 tal-Ligijiet ta‘ Malta jipprovdi illi l-ebda persuna ma tista‘ tidiskrimina kontra persuna ohra minhabba fid-dizabilita ta‘ dik il-persuna jew ta‘ xi membru tal-familja taghha f'dak li jirrigwarda l-access ghall-proprjeta li l-pubbliku jew settur tal-pubbliku jkollhom jedd jew permess biex jidħlu fih jew jużawh. L-istess att jipprovdi ghall-eccezzjoni wahda minn din ir-regola, u cioe meta t-tibdil li jsir f'dik il-proprjetà jew faċilitajiet ma' jkunx raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ,

Fil-kaz odjern jirrizulta mid-dokumenti ezebiti illi l-fond tal-Kazin intimat m'huwiex konformi mal-*Access for All Design Guidelines* tal-2011, senjatament ghaliex hemm numru ta‘ nuqqasijiet f'dak li jirrigwarda l-accessibilita tal-mezzi sanitarji fit-*toilet* u ghaliex m'hemmx lift skond ir-regolamenti. Fir-rigward tal-lift irrizulta wkoll illi l-bieb tal-lift hemm bzonn illi jitwessa ghaliex il-wiegha tieghu m'hijiex konformi ma‘ dik rikjesta mill-linja gwida msemmija.

Il-Qorti semghet illi matul is-snin il-Kazin intimat ghamel numru ta‘ arrangamenti fil-proprjeta sabiex din tigi konformi, u fil-fatt indirizza n-nuqqasijiet kollha li kien hemm fl-entratura. Jirrizulta izda ili ghad hemm numru ta‘ ilmenti li l-Kazin intimat ghad irid jindirizza sabiex ikun konformi mal-ligi.

Jirrizulta illi t-tibdiliet li ghad iridu jsiru huma s-segwenti:

A. Il-*grab rails* ta’ hdejn is-sink iridu jisru konformi mal-linja gwida imsemmija;

B. Is-*soap dispenser* irid jitbaxxa;

C. It-*tissue paper dispenser* irid jitbaxxa;

D. Irid jizdied l-ispazju hdejn il-w.c. ghat-*transfer* bi tletin centimetru;

E. Id-w.c. irid jghola bi tliet centimetri;

F. Irid jigi installat lift, il-bieb ta’ liema ghandu jkun ta‘ wiesgha ta’ mill-inqas 900mm.

Mir-rapport redat mill-Perit Hector Zammit a fol 37 *et seq* jirrizulta illi kwazi t-tibdiliet kollha li ghadhom mehtiega jirrikjedu xoghol minimu, hlief ghal dak li ghandu x’jaqsam it-twessiegh tal-bieb tal-*lift* illi huwa 180 iktar dejjaq milli suppost. Mill-istess rapport pero ma jidhirx illi t-tibdil li hemm bzonn isir biex jitwessa l-bieb tal-lift m’huwiex ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz u ghalhekk m’hijiex applikabbli l-eccezzjoni provduta fl-Artikolu 12 tal-ligi.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi t-talbiet tal-Kummissjoni rikorrenti huma fondati u ghandhom jigu milquha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta‘ u tiddeciedi billi tilqa‘ t-talbiet kollha tal-Kummissjoni rikorrenti u:

1. Tiddikjara illi l-Kazin intimat kien u ghadu jiddiskrima kontra l-persuni b’dizabilita, billi ma jipprovdix access ghall-Kazin ta‘ Sant’Antnin, Birkirkara, minkejja li dan huwa post miftuh ghall-pubbliku;

2. Tordna lill-Kazin intimat jottempera ruhu mal-ligi, senjatament billi jipprovdi access lil persuna b’dizabilita‘ ghall-Kazin Sant’Antnin, Birkirkara kif indikat f’din is-sentenza, permezz tax-xogholijiet indikati aktar il-fuq cioe‘ minn A sa F u dan fi zmien tliet xhur mid-data ta‘ din is-sentenza, u tinnomina lil Perit Godwin Abela sabiex ix-xogholijiet neccessarji isiru taht id-direzzjoni u s-sorveljanza tieghu;

3. Tordna lill-Kazin intimat ihallas is-somma ta‘ €10 ghal kull gurnata illi l-Kazin intimat jibqa’ inadempjenti fill-provvizjoni tal-access lil persuna b’dizabilita‘ ghall-Kazin Sant’Antnin, Birkirkara,

Tordna notifika ta din is-sentenza lil Perit Godwin Abela.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Kazin intimat.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**